MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 890/2008

Mediacoop Ltd. (Coop. No.49)

vs

Joseph Sammut

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li ddikjarat illi qed titlob is-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€274.87) rapprezentanti prezz ta' reklamar ordnat mill-konvenut u li baqa' ma thallasx.

Minkejja li gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi dan baqa' inadempjenti.

Illi qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv, bl-oghla rata permessa mill-ligi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’l-ittra bonarja u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju.

Fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn 12 ta’ Jannar, 2009 deher il-konvenut li ammetta li l-ammont ta’ mitejn u erbgha u sebghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€274.87) rapprezentanti prezz ta’ reklamar ordnat mill-konvenut kien ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------